

Avviż ta' Sejħa għall-Proposti
L-INTESTATURA TAL-BAĠIT 04.03.03.01
RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI U DJALOGU SOĊJALI
VP/2011/001

L-intestatura tal-baġit għandha żewġ sottoprogrammi:

- I Is-sostenn ta' djalogu soċjali Ewropew
- II It-titjib tal-kompetenza fl-oqsma tar-relazzjonijiet industrijali

Il-kandidati eliġibbli huma:

- L-imsieħba soċjali
- L-organizzazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mar-relazzjonijiet industrijali
- L-awtoritajiet pubbliċi
- Organizzazzjonijiet internazzjonali (bħal Aġenziji tan-NU)

Iddaħlet approprjazzjoni ta' impenn ta' € 13 260 000 għall-2011.

Se jkun hemm żewġ dati tal-għeluq għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet fl-2011:

- **it-25 ta' Marzu 2011** għall-operazzjonijiet li mhumiex se jinbdew qabel **it-25 ta' Mejju 2011** jew aktar tard mit-**22 ta' Diċembru 2011**;
- **it-30 ta' Awwissu 2011** għal operazzjonijiet li mhumiex se jinbdew qabel **it-30 ta' Ottubru 2011** jew aktar tard mit-**22 ta' Diċembru 2011**.

Għal aktar informazzjoni dwar l-oġettivi u l-prioritajiet tal-intestatura tal-baġit, dwar miżuri eliġibbli, l-applikanti eliġibbli, l-ammonti għal kofinanzjament u regoli oħra, jekk jogħġbok ikkonsulta s-sett sħiħ ta' istruzzjonijiet għall-applikanti li hemm fis-sit li ġej:

<http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=630&langId=en&callId=292&furtherCalls=yes>